MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 548/2000/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Marzu 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibbli, u dan ghar-ragunijiet diga'migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b'digriet tat-8 ta' Novembru 1998, kif sussegwentement ipprorogat, awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni (Dok "A");

Illi dawn ir-ragunijiet huma ngurji, sevizzi u adulterju *oltre* li l-istess zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi minn dan iz-zwieg hemm tliet itfal, B, B u B;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas ta’ l-istess retta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja’ ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tikkommina kontra l-istess konvenut il-provvediment ta’ l-**artikoli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili**;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri B, B u B lill-attrici kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas ta’ l-istess.

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titolu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghall-kaz;

7. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 7 tal-process;

Rat id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 3 ta’ Novembru 1998 mill-Onorevoli Imhallef Joseph David Camilleri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-4 t'Awissu 2000 a fol. 11 u 12 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti pero' ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici.

2. Illi l-esponent jopponi ghat-talba ghall-manteniment *stante* li l-esponent ma jahdimx u *stante* li l-attrici qieghda tghix ma' ragel iehor kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

3. Illi l-esponent jaqbel li tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti pero' huwa jhoss illi la l-attrici kienet tahti tal-firda ghandu japplika kontra taghha l-**artikolu 49 tal-Kap 16.**

4. Illi l-esponent jopponi ghar-raba' talba *stante* li l-artikoli msemmija ghandhom jigu applikati kontra l-attrici.

5. Illi l-esponent jopponi ghall-hames talba dwar kura u kustodja *stante* li l-attrici mhix kapaci tiehu hsieb l-imsemmija wlied.

6. Illi s-sitt talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li ladarba l-attrici kienet tahti ghall-firda u qed tghix ma' terza persuna d-dar konjugali ghandha tigi assenjata lill-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat il-**kontro-talba tal-konvenut** a fol. 14 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-14 t'Ottubru 1989 (Dok "A").

Illi l-hajja konjugali giet resa mpossibbli principalment minhabba adulterju da parti ta' l-intimata, kif ukoll minhabba sevizzi, eccessi, mohqrija u theddid da parti taghha u kif ukoll minhabba nkompatibbilta' ta' karattru.

Illi miz-zwieg twieldu tliet itfal, *ossia* B ta' hmistax-il sena, B ta' tlettax-il sena u B ta' hdax-il sena.

Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati skond Digriet tas-Sekond' Awla tat-8 ta' Novembru 1998 biex jipprocedu ghas-separazzjoni personali.

Illi l-istess konvenut talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju da parti ta' l-intimata, kif ukoll minhabba sevizzi, eccessi, mohqrija u theddid da parti taghha u kif ukoll minhabba nkompatibbilta' ta' karattru.

2. Takkorda lill-attur il-kura u kustodja ta' B, B u B.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet applikando kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprenzenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez u l-attrici ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda tal-konvenut a fol. 15 u 16 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 21 ta' Marzu 2000 fejn talbet li zewgha l-konvenut jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar konjugali fejn tibqa' tabita hi flimkien ma' wliedha minuri B u B.

Rat ir-relazzjoni peritali datata 27 ta' Ottubru 1999 mill-Avukat Dr. Joseph Azzopardi li llum gie elevat ghall-Gudikatura.

Rat id-digriet kamerali sussegwenti tat-23 t'April 2001 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo, fejn cahdet it-talba attrici fl-istess rikors.

Rat il-verbali minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tal-31 t'Ottubru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; tal-14 ta' Frar 2001; tas-17 ta' Settembru 2001; u tat-2 ta' Novembru 2001 fejn dejjem inghad mid-difensuri li kienu qed jingabru l-provi b'mod regolari.

Rat ir-rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Jannar 2002 fejn talbet li jigi varjat id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Novembru 1998 rigwardanti kura u kustodja ta' l-ulied sabiex il-piz tat-trobbija taghhom tigi gustament diviza bejn il-kontendenti, genituri ta' l-istess ulied.

Rat ir-risposta tal-konvenut u d-digriet sussegwenti ta' din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta tal-25 ta' Marzu 2002 fejn f'dak l-istadju cahdet it-talba u ordnat lill-attrici tara li l-kura u l-kustodja li giet fdata f'idejha tissussisti fl-ahjar interess ghall-gid tal-minuri.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjudata datata 22 ta' Jannar 2002 u tad-9 ta' April 2002 fejn l-istess kawza giet appuntata ghal quddiem din il-Qorti kif presjeduta ghal-1 ta' Ottubru 2002;

Rat in-nota ta' l-attrici a fol. 35 tal-process.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti kif presjeduta nkluzi dawk ta' l-1 ta' Ottubru 2002; tas-7 ta' Jannar 2003; u tat-18 ta' Frar 2003 fejn wara li l-attrici *tramite* Dr. Daniela Chetcuti ddikjarat li l-attrici ghalqet il-provi nghata mill-Qorti digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' 40 gurnata, wara liema terminu l-Assistent Gudizzjarju giet ordnata zzomm zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut.

Rat in-noti tal-konvenut wahda datata 20 ta' Marzu 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess u xi

dokumenti ohra, u l-ohra tal-25 ta’ Marzu 2003 fejn esebixxa l-affidavit ta’ bintu B Borg.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-6 ta’ Mejju 2003; tat-8 t’Ottubru 2003 fejn id-difensuri nfurmaw lill-Qorti li l-provi huma maghluqa. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ erbghin gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu wkoll l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Marzu 2004

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici datata 6 ta’ Novembru 2003, u dik tal-konvenut tal-4 ta’ Frar 2004.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-4 ta’ Marzu 2004 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li mill-atti processwali rrizulta li ghad jonqos li tinghata aktar informazzjoni ulterjuri mill-partijiet.

Rat il-verbali tal-25 ta’ Marzu 2004 fejn gie stabbilit li jonqos stimi tad-dar matrimonjali, tal-garaxx, tal-vann u ta’ l-oggetti mobbli, dwar liema d-difensuri gew ordnati jirregolaw ruhhom u jaslu f’arrangament ghal pjan ta’ qasma; tas-17 ta’ Gunju 2004 fejn Dr. David Camilleri ghall-konvenut esebixxa nota b’dokument. Dr. Edwina Grima ghall-attrici esebiet stima ta’ l-oggetti kollha. Dr. David Camilleri ddikjara li jaqbel dwar il-mobbli. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-13 t’Awissu 2004 fejn talbet sabiex il-konvenut jigi ordnat ihallas il-kont pendenti tad-dawl li jammonta ghal elf, mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,224.57).

Rat ir-risposta tal-konvenut, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-22 t’Ottubru 2004 fejn laqghat it-talba fis-sens li ordnat lill-konvenut jikkontribwixxi sa nofs l-ammont tal-kont.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju nominata fil-31 ta’ Ottubru 2000 nkluzi dik li

tidher bhala l-ewwel seduta tat-23 ta' Lulju 2001 fejn xehdet l-attrici; dik tal-11 ta' Ottubru 2001 fejn xehdu Joseph u B Borg ulied il-kontendenti; tal-15 ta' Ottubru u 28 ta' Novembru 2002; tal-20 ta' Jannar 2003 fejn xehed Constantino Agius ghan-nom tal-Bank of Velletta plc; tad-19 ta'Gunju 2002 fejn xehed Paul Gambina; tat-22 ta' Mejju 2003 fejn xehed Joseph Borg u B Borg u sar kontro-ezami tal-konvenut; tal-11 ta' Dicembru 2001; tat-13 ta' Frar 2002; tat-8 ta' April 2002; tat-3 ta' Lulju 2002; tas-7 ta' Jannar 2003; tat-13 ta' Frar 2003; tal-25 ta' Marzu 2003; u tal-24 ta' April 2003 fejn ma sar xejn. Rat ukoll ix-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Ottubru 1989 u ghandhom tliet itfal – B, li llum ghandha cirka dsatax-il sena u allura hija maggorenni, B – li llum ghandu cirka sbatax-il sena, u B – li llum ghandu cirka hmistax-il sena.

Illi jidher li l-hajja konjugali bejn il-partijiet anke fil-mori ta' din il-kawza kienet karatterizzata minn pika u glied kontinwu li anke nvolva lill-istess minuri attivament. Dan kollu sar b'dannu ghall-istess minuri, anke minhabba dak li l-istess partijiet raw quddiemhom hafna drabi. Is-sitwazzjoni wkoll giet aggravata mill-fatt li l-konvenut abbuzivament waqt il-kawza stess issegrega zewgt ikmamar u garaxx mid-dar konjugali u ghex fihom flimkien mat-tifla. Tali cirkostanza certament m'hijiex ideali u ma ghandhiex tithalla tissussisti, anke peress li dan l-att fih innifsu kien att fejn il-konvenut bil-forza ha l-ligi b'idejh. Dan m'ghandux jigi ttollerat fl-ebda civilita' serja u demokratika b'rispett ghar-*rule of law.* F'dan il-kuntest jinghad li l-Qorti diversament presjeduta kienet informata b'din is-sitwazzjoni tant li fl-istess rapport hemm indikat li *"ghalhekk tezisti sitwazzjoni li giet prodotta minn agir illegali u unilaterali ta' l-intimat."*

Illi rigward l-allegazzjonijiet ta’ l-attrici jirrizulta bla ebda dubju li l-istess konvenut huwa hati fil-konfront taghha ta’ adulterju. Dan huwa ndikat anke minn relazzjoni li huwa ghandu ma’ mara li tinsab indikata fir-ritrattati esebiti bhala Dok. “MGB 2” sa Dok. “MGB 4” tal-process. Huwa kien hati wkoll *verso* l-attrici ta’ vjolenza domestika kif jixhdu anke r-ritratti u c-certikati medici esebiti, u dan apparti x-xhieda cara ta’ l-istess attrici, *oltre* r-rapport imsemmi tal-Perit Legali. Apparti dan jirrizulta li l-attrici taghmel allegazzjonijiet serjissimi kontra l-konvenut, inkluz dawk maghmula fit-23 ta’ Lulju 2001 quddiem l-Assistent Gudizzjarju, fis-sens li dan kien jikkostringiha tipprostitwixxi ruhha. Sadanitant l-istess konvenut qatt ma mantna lill-attrici anke ghaliex huwa jghid li ma jiflahx. Jirrizulta wkoll li l-istess konvenut kemm-il darba hedded, sawwat, u ngurja gravament lill-attrici u ghalhekk it-talbiet attrici f’dan ir-rigward ghandhom jigu milqugha, fejn mill-prova jidher car li l-istess konvenut abbuza mill-attrici b’mod verament ikrah u degredanti ghall-ahhar.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u l-istess konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-firda personali ta’ bejn il-partijiet, u dan minhabba ngurji, sevizzi, eccessi u adulterju kommessi minnu fil-konfront ta’ l-attrici, liema sevizzi jinkludi wkoll atti ta’ vjolenza domestika u fejn ikkonstringa lill-attrici ghall- hajja degredanti.

Illi anke a bazi ta’ l-istess xhieda ta’ l-attrici ma hemm l-ebda dubju li l-istess kellha relazzjonijiet ma’ rgiel ohra u dan tammettih hija stess, kemm minhabba r-ragunijiet fuq migjuba u kif ukoll fejn hija qalet testwalment *“inhawwad, jekk hemm ragel m’ghandix grazzja mieghu, xorta kien ikolli nhawwad l-affarijiet mieghu. Allavolja ma kienx ikolli grazzja mieghu.”* Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju wkoll li l-istess attrici kkomettiet adulterju wkoll, anke jekk ukoll f’cirkostanzi fuq spjegati, u llum anke ghandha relazzjoni ma’ ragel iehor. Ghalhekk il-konvivenza ta’ bejn il-partijiet ma ghadhiex aktar possibbli.

Illi dwar manteniment ma hemm l-ebda dubju li kull parti ddekadiet mid-dritt ta' manteniment kontra l-ohra. F'dan ir-rigward qed jigu applikati kontra kull parti d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16**.

Illi dwar manteniment ta' l-ulied tal-kontendenti li ghadhom minorenni, dawn ghandhom jigu mantnuti miz-zewg partijiet b'sehem indaqs bejniethom.

Illi l-kura u l-kustodja ta' l-istess ulied minuri ghandha tigi fdata konguntivament bejn il-partijiet b'dan li l-istess ulied li ghadhom minuri ghandhom jiddeciedu huma ma' min mill-genituri taghhom jixtiequ jghixu. Dan qed jigi deciz peress li l-istess ulied ghandhom ukoll l-eta' sabiex jaghmlu tali xelta. Din il-Qorti tordna pero' li s-sitwazzjoni ta' l-ulied ghandha tigi moniterjata mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet. Din il-Qorti tordna lil kull parti sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Agenzija.

Illi bhala mmobbli jirrizulta li hemm l-appartament 4, Entrance D, Binja 7, Wesghat il-Plajja, Attard, u l-garaxx numru 6, Triq l-Imsagar, Attard u l-ghamara u l-mobbli ndikati fil-prospett ta' l-attrici mmarkat bhala Dok. "MGB 10" a fol. 42 sa 44 tal-process. Hemm ukoll karozza Vauxhall Nova u mutur zghir tal-marka Gilera li skond il-konvenut ghandu valur ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Illi in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta' l-effetti immobbli kollha formanti parti mill-komunjoni ta' akkwisti, b'dan ghalhekk li ghandu jsir tali bejgh kemm ta' l-appartament 4, Entrance D, Binja 7, Wesghat il-Plajja, Attard u tal-garaxx numru 6, Triq l-Imsagar, Attard u dan skond stimi li saru mill-espert tekniku Alfred P. Camenzuli minn fol. 178 sa fol. 180. Mir-rikavat tal-prezz l-attrici ghandha tiehu l-ewwel is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) rapprezentanti ammont ta' flus parafernali li hija rceviet minghand missierha, li l-konvenut utilizza sabiex inxtara l-istess garaxx. Il-bilanc mir-rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li qed taccetta u temmen il-verzjoni ta' l-attrici dwar l-istess flus li hija rceviet minghand missierha, anke peress li jidher car li parti mill-istess flus gew depozitati l-Bank u ngibdu anke mil-konvenut innifsu sabiex jaghmel hlas ta' l-imsemmi garaxx. Rigward it-tezi tal-konvenut dwar manteniment, dan sostna li huwa ilu ma jahdem snin twal u jghix biss bir-*relief* peress li jsofri minn marda li rrendietu nkapaci li jahdem. Pero', f'daqqa wahda huwa jghid li sabiex xtara l-istess garaxx b'ammont li ghalih huwa konsiderevoli, hadem u stinka kemm felah. Huwa anke tella' jixhdu lit-tfal tieghu sabiex isostni kemm hadem. Dan kollu pero' jnaqqas mill-kredibbilta' tal-verzjoni tal-konvenut fuq dan il-punt.

Illi rigwardanti l-mobbli li jinsabu fil-pussess tal-partijiet l-istess kif deskritti fir-rapport peritali ta' Alfred P Camenzuli, il-konvenut qed jigi assenjat il-vettura tal-marka Maruti Reg. No. IAD – 963 u l-ghodda kollha li hemm fl-istess garaxx, television tal-kulur, fanali u brazzi, Hi-Fi Stereo b'zewg *speakers* kbar u tnejn addizzjonali zghar, konsistenti f'*turntable*, *compact disc player*, *radio equaliser*, *amplifier* u *double cassette deck* tal-marka Sanyo, *unit* tat-*television* u *compact discs*, forn Griglioso, affarijiet tal-kcina, tlett heaters, skrivanija bil-*computer* b'kollox, ghamara ta' l-i*spare bedroom*, ghamara kollha li tinsab fil-*billiard room*, bl-accessorji kollha u bjankerija, liema oggetti kollha gja' jinsabu fil-pussess tieghu. Min-naha l-ohra l-attrici qed tigi assenjata l-oggetti kollha mobbli l-ohra li jinsabu fil-pussess taghha, liema oggett jinsabu elenkati fil-lista redatta mill-istess perit tekniku Alfred P. Camenzuli minn fol. 183 sa fol. 187 tal-process, b'dan li dak li din il-Qorti qed effettivament tiddeciedi *arbitro boni viri* huwa li kull parti izzomm fil-pussess taghha l-oggetti li attwalment jinsabu gja' fil-pussess attwali rispettiv taghhom.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompattibbli

ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tieni u s-sitt (6) talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana bi htijiet imputabbli principarjament lill-konvenut *stante* li l-istess kien hati *verso* l-attrici, ta’ eccessi, sevizzi, mohqirija, ingurji gravi u adulterju li rrendew il-hajja bejn il-partjiet impossibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Jinghad ukoll li l-attrici hija wkoll responsabbli ghall-adulterju, anke minhabba ragunjiet fuq spjegati, u ghalhekk hija wkoll kkontribwiet b’mod sussidjarju ghall-istess firda personali.

2. Tichad din it-talba *stante* li ma giex ippruvat li l-konvenut illum ghandu xi forma ta’ ntrojtu, u fi kwalunkwe kaz qed jigi ddikjarat li kull parti tilfet id-dritt li titlob il-hlas ta’ manteniment minghand il-parti l-ohra anke bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet relattivi ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti gja’ ezistenti bejn il-partijiet u dan b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u tillikwida l-istess u tassenja, tiddisponi u tiddividi l-istess assi tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bil-mod segwenti:-

(a) Illi in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti tordna li l-bejgh in subbasta ta’ l-effetti immobbli kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ akkwisti, b’dan ghalhekk li ghandu jsir il-bejgh in subasta kemm ta’ l-appartament 4, Entrance D, Binja 7, Wesghat il-Plajja, Attard u tal-garaxx numru 6, Triq l-msagar, Attard u dan skond stimi li saru mill-espert tekniku Alfred P. Camenzuli minn fol. 178 sa fol. 180. Mir-rikavat tal-prezz l-attrici ghandha tiehu l-ewwel is-somma ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000) rapprezentanti ammont ta’ flus parafernali li hija rceviet minghand missierha, li l-konvenut utilizza sabiex inxtara l-istess garaxx. Il-bilanc mir-rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

(b) Illi rigwardanti l-mobbli li jinsabu fil-pussess tal-partijiet l-istess kif deskritti fir-rapport peritali ta’ Alfred P.

Camenzuli, il-konvenut qed jigi assenjat il-vettura tal-marka Maruti Reg. No. IAD – 963 u l-ghodda kollha li hemm fl-istess garaxx, *television* tal-kulur, fanali u brazzi, *Hi-Fi Stereo* b’zewg *speakers* kbar u tnejn addizzjonali zghar, konsistenti f’*turntable*, *compact disc player*, *radio equaliser*, *amplifier* u *double cassette deck* tal-marka Sanyo, *unit* tat-*television* u *compact discs*, forn Griglioso, affarijiet tal-kcina, tlett heaters, skrivanija bil-*computer* b’kollox, ghamara ta’ l-i*spare bedroom*, ghamara kollha li tinsab fil-*billiard room*, bl-accessorji kollha u bjankerija, liema oggetti kollha gja’ jinsabu fil-pussess tieghu. Min-naha l-ohra l-attrici qed tigi assenjata l-oggetti mobbli kollha l-ohra li jinsabu fil-pussess taghha u jinsabu elenkati fil-lista redatta mill-istess perit tekniku Alfred P. Camenzuli minn fol. 183 sa fol. 187 tal-process, b’dan li dak li din il-Qorti qed effettivament tiddeciedi *arbitrio boni viri* huwa li kull parti izzomm fil-pussess taghha l-oggetti li attwalment jinsabu gja’ fil-pussess attwali rispettiv taghhom.

4. Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li tkkommina kontra z-zewg partijiet il-provvedimenti kollha relattivi ta’ l-**artikoli 48 Kap 16**.

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal li ghadhom minuri konguntivament bejn il-partijiet b’dan li l-istess ulied li ghadhom minuri ghandhom jiddeciedu huma ma’ min mill- genituri taghhom jixtiequ jghixu, u dan peress huma ghandhom ukoll l-eta’ sabiex jaghmlu tali xelta. Din il-Qorti tordna pero’ li s-sitwazzjoni ta’ l-ulied minuri ghandha tigi moniterjata mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet, u ghal dan il-ghan din il-Qorti tordna kemm lill-attrici u kemm lill-konvenut sabiex a spejjez taghhom jinnotifikaw kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess Agenzija. Illi dwar manteniment ta’ l-ulied, dawk mill-ulied tal-kontendenti li ghadhom minorenni ghandhom jigu mantnuti miz-zewg partijiet b’sehem indaqs bejniethom.

7. Ticjad din it-talba *stante* li mhuwiex il-kaz.

8. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut** din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-attrici in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu biss fis-sens hawn deciz u konformi ma' dak gja' deciz in konsegwenza tac-citazzjoni attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana bi htijiet imputabbli principarjament lill-konvenut *stante* li l-istess kien hati *verso* l-attrici, ta' eccessi, sevizzi, mohqrija, ingurji gravi u adulterju li rrendew il-hajja bejn il-partjiet impossibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Jinghad ukoll li l-attrici hija wkoll responsabbli ghall-adulterju, anke minhabba ragunjiet fuq spjegati, u ghalhekk hija wkoll kkontribwiet b'mod sussidjarju ghall-istess firda personali.

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta' wlied il-kontendenti li ghadhom minuri konguntivament bejn il-partijiet b'dan li l-istess ulied li ghadhom minuri ghandhom jiddeciedu huma ma' min mill-genituri taghhom jixtiequ jghixu, u dan peress li huma ghandhom ukoll l-eta' sabiex jaghmlu tali xelta. Din il-Qorti tordna pero' li s-sitwazzjoni ta' l-ulied minuri ghandha tigi moniterjata mill-Agenzija Appogg a spejjez taz-zewg partijiet, u kif ordnat aktar 'il iz-zewg partijiet qed jigu ordnati sabiex a spejjez taghhom jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Agenzija. Illi dwar manteniment ta' l-ulied, dawk l-ulied tal-kontendenti li ghadhom minorenni ghandhom jigu mantnuti miz-zewg partijiet b'sehem indaqs bejniethom.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja' ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u tillikwida l-istess u tassenja, tiddisponi u tiddividi l-istess assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti bil-mod segwenti:-

(a) Illi in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-Qorti tordna li l-bejgh in subbasta ta' l-effetti immobbli kollha

formanti parti mill-komunjoni ta' akkwisti, b'dan ghalhekk li ghandu jsir il-bejgh in subasta kemm ta' l-appartament 4, Entrance D, Binja 7, Wesghat il-Plajja, Attard, kif ukoll tal-garaxx numru 6, Triq l-msagar, Attard, u dan skond stimi li saru mill-espert tekniku Alfred P. Camenzuli minn fol. 178 sa fol. 180. Mir-rikavat tal-prezz l-attrici ghandha tiehu l-ewwel is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) rapprezentanti ammont ta' flus parafernali li hija rceviet minghand missierha, liema flus il-konvenut utilizza sabiex inxtara l-istess garaxx. Il-bilanc mir-rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

(b) Illi rigwardanti l-mobbli li jinsabu fil-pussess tal-partijiet l-istess kif deskritti fir-rapport peritali ta' Alfred P. Camenzuli, il-konvenut qed jigi assenjat l-vettura tal-marka Maruti Reg. No. IAD – 963 u l-ghodda kollha li hemm l-istess garaxx, *television* tal-kulur, fanali u brazzi, *Hi-Fi Stereo* b'zewg *speakers* kbar u tnejn addizzjonali zghar, konsistenti f'*turntable*, *compact disc player*, *radio equaliser*, *amplifier* u *double cassette deck* tal-marka Sanyo, *unit* tat-*television* u *compact discs*, forn Griglioso, affarijiet tal-kcina, tlett *heaters*, skrivanija bil-*computer* b'kollox, ghamara ta' l-i*spare bedroom*, ghamara kollha li tinsab fil-*billiard room*, bl-accessorji kollha u bjankerija, liema oggetti kollha gja' jinsabu fil-pussess tieghu. Min-naha l-attrici qed tigi assenjata l-oggetti kollha mobbli l-ohra li jinsabu fil-pussess taghha u jinsabu elenkati fil-lista redatta mill-istess perit tekniku Alfred P. Camenzuli minn fol. 183 sa fol. 187 tal-process, b'dan li dak li din il-Qorti qed effettivament tiddeciedi *arbitrio boni viri* huwa li kull parti izzomm fil-pussess taghha l-oggetti li attwalment jinsabu gja' fil-pussess attwali rispettiv taghhom.

Bl-ispejjez tal-kontro-talba jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi b'dan ukoll li peress li din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn, u abbuzaw bil-proceduri quddiem din il-Qorti, inkluz il-fatt li l-istess partijiet damu b'mod esegerat sabiex ghalqu l-provi taghhom u dan huwa rifless kemm mill-pika esegerata bejn il-partijiet waqt l-istadji kollha tal-kawza u minhabba

n-nuqqas taghhom li jressqu l-provi taghhom fil-hin u kif dirett minnhom mill-Qorti, tant li fil-fatt saru diversi seduti wkoll ghalxejn mill-Assistent Gudizzjarju, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna li l-attrici thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti. Dawn il-hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------